MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2014

Numru. 35/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Spiridione Zammit)**

**Vs**

**Michael Mercieca**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Michael Mercieca ta' 52 sena, bin Sebastian u Josephine nee' Spiteri, imwieled Hal-Qormi fi 22 ta' Novembru 1961 u joqghod 84, Lily Mike House, Triq San Gwann, Fgura detentur tal-karta tal-identita' numru 736661M:

Talli fix-xahar ta' Gunju 2013 f'hinijiet differenti waqt li kien fi Triq San Gwann Fgura u/jew f'dawn il-gzejjer gieghel annimali (qtates) isofru ugigh tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn filwaqt li dawn l-annimali gew abbandunati.

Talli fl-istess cirkostanzi ezercita professjoni ta' veterinarju jew persuna kompetenti meta ma kienx awtorizzat li jaghmel dan filwaqt li qatel annimali (qtates tar-razza domestika jew li jappartjeni ghal razza selvagga) b'velenu u tbatija zejda.

Talli fl-istess cirkustanzi uza doza ta' velenu li minnu ma kienx dak approvat u ghalhekk ikkawza tbatija zejda u mhux dik immedjata.

Ukoll talli fl-istess cirkustanzi meta ma kienx persuna kompetenti sabiex jamministra l-anestesija generali u profonda segwita b'dak il-pass li finalment jikkawza l-mewt facilment, bil-mod kif amministra tali velenu haqar l-annimali (qtates) u kkawza tbatija zejda.

Ukoll talli fl-istess cirkustanzi ghamel uzu minn sustanzi velenuzi, li d-doza u l-applikazzjonijiet taghhom ma tistax tigi kkontrollata b'mod li taghti l-effett li tikkawza mewt facilment.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat il-kunsens ta′ l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza tallum mizmuma minn din il-Qorti, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatu zmien jikkunsidra l-posizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u ghalhekk dawn huma sodisfacentement ippruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz, l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta′ dawn il-proceduri u l-fatt li kkollabora bis-shih mal-pulizija u li l-fedina penali tieghu mhix wahda allarmenti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 8(2), 8(3), 13(1), 13(3), 13(3)(b), 13(5)(b), u l-artikolu 45(1)(a) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta′ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, b′applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta′

Malta qeghda tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin (3)  millum.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta′ liberazzjoni kondizzjonata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------